C/2026/5956

11.11.2026

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.12399 — BRINK'S / NCR)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2026/5956)

1. Fit-3 ta' Novembru 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— The Brink's Company ("Brink's", l-Istati Uniti),

— NCR Atleos Corporation ("NCR", l-Istati Uniti).

Brink's se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' NCR.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Brink's topera fuq skala dinjija fil-ġestjoni tal-kontanti u tal-oġġetti ta' valur, fis-soluzzjonijiet diġitali bl-imnut u fis-servizzi ġestiti mill-ATMs. Il-klijenti tagħha jinkludu istituzzjonijiet finanzjarji, bejjiegħa bl-imnut, aġenziji tal-gvern, zekki, ġojjelliera u operazzjonijiet kummerċjali oħra madwar id-dinja. In-network globali ta' Brink's jaqdi lill-klijenti f'aktar minn 100 pajjiż,

— NCR hija kumpanija ta' teknoloġija finanzjarja li tipprovdi soluzzjonijiet bankarji awtodiretti fuq livell dinji. L-attivitajiet tagħha jinkludu l-manifattura u l-provvista ta' hardware tal-ATMs, il-provvista ta' software tal-ATMs, servizzi ta' manutenzjoni u tiswija tal-ATMs, żvilupp u appoġġ, servizzi ġestiti mill-ATMs, soluzzjonijiet ta' esternalizzazzjoni ATM-as-a-Service, u l-użu u l-operat tal-ATMs.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12399 — BRINK'S / NCR

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").